MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 196/1994/1

Francis u Maria konjugi Hili .

vs

Paul Coronata sive Nelly konjugi Cassar .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi bnew il-ħajt diviżorju bejn il-fond tagħhom bla numru fi Trejqet il-Mitħna, Nadur fuq naħa, u l-fond tagħkom konvenuti bla isem jismu "aul Nelly", Trejqet il-Mitħna, Nadur fuq in-naħa l-oħra interament a spejjeż tagħhom ;

Illi riċentement intom il-konvenut appoġġjajtu l-bini tagħkom ma' dak tal-atturi billi utilizzajtu il-ħajt diviżorju imsemmi .

Illi l-atturi kienu nkarigaw lill-perit Carmel Bor sabiex ikejjel u jistma l-appoġġ dovut lilhom in vista ta' dan l-akkomunament tal-ħajt diviżorju, u dan il-perit wasal għal figura ta' tlett mija u tlettax-il lira maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm313.20c) ;

Illi pero' meta l-atturi talbukom tħallsu dan l-ammont intom bqajtu inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tillikwida l-ammont dovut minnkom konvenuti lill-atturi bħala kumpens għall-appoġġ eżerċitat minnkom fuq il-ħajt diviżorju mibni mill-istess atturi ;

2. Tikkundannkom tħallsu lill-atturi dan l-ammont kif likwidat ;

Bl-interessi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru 1994 sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Settembru, 1994, u tal-ittra uffiċjali ta' Ottubru, 1994, kontra tagħkom .

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa tinsabu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-ġurament ta' Francis Hili .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew :

għas-sentenza .

1. Illi t-talba tal-atturi hija intempestiva u prematura billi l-konvenuti kienu dejjem pronti li jħallsu l-kumpens ġust għall-appoġġ eżerċitat minnhom liema kumpens pero' kellu jieħu in kunsiderazzjoni l-aspetti kollha tal-ħajt diviżorju fosthom li l-atturi qabbdu travi li oltrepassaw il-linja ta' nofs il-ħajt u l-ħajt ma hux mibni fuq il-linja medjana .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa mill-konvenut .

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Frar 1995 fejn ġie nominat l-A.I.C. Emanuel Vella bħala perit tekniku .

Rat ir-rapport ta' l-espert minnha nominat ppreżentat fit-30 ta' Marzu 2004 u minnu maħluf fil-5 ta' Mejju 2004 .
Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut mill-konvenuti għall-appoġġ li huma għamlu mal-ħajt mibni minnhom u l-ħlas ta' dan il-kumpens . Irriżulta illi qabel ma ġiet intavolata din il-kawża l-atturi kienu bagħtu lill-konvenuti l-kont relattiv maħruġ mill-perit minnhom inkarigat, l.A.I.C. Carmelo Borg[1] . Madankollu dawn irrifjutaw li jħallsu dan il-kont minħabba xi lmenti li kellhom dwar dan il-ħajt . Infatti l-konvenuti ma jiċħdux illi għandhom iħallsu lill-atturi xi kumpens għal dan l-appoġġ . Jippretendu pero' illi fil-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi u cioe' :

a. jekk il-ħajt hux mibni fil-linja diviżorja ;
b. l-istat tal-ajt ; u
c. jekk l-attur oltrepassax il-linja ta' nofs il-ħajt bit-travi tiegħu .

Il-perit tekniku, wara li ħa konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi, jispjega fir-relazzjoni tiegħu[2] illi jirriżultalu :

[1] Dok. A anness maċ-citazzjoni a fol. 5 tal-process .
[2] para. 7 - 14 tar-rapport peritali a fol. 40 - 41 tal-process .

1. li l-ħajt hu mibni fil-linja diviżorja ;
2. l-istess ħajt hu mibni skond is-sengħa u l-arti u ma kienx fih difetti li jimmeritaw tnaqqis fil-valutazzjoni tal-kumpens tal-appoġġ ;
3. huwa minnu li t-travi tal-konkos fil-bini ta' l-atturi oltrepassaw il-linja medjana tal-ħajt komuni .

Għalhekk, wara li addotta l-valutazzjoni magħmula mill-A.I.C. Carmelo Borg, l-espert tekniku naqqas għoxrin fil-mija (20%) sabiex tagħmel tajjeb għal din l-intruzjoni li kien hemm fuq il-proprjeta' tal-konvenuti . Għalhekk illikwida l-kumpens dovut għall-appoġġ eżerċitat mill-konvenuti fis-somma ta' mitejn u ħamsin lira maltija, sitta u ħamsin ċenteżmu u ħamsa (Lm250.56,5) .

Billi din hija kwistjoni ta' natura teknika l-Qorti ma tarx għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq il-konklużjonijiet raġġunti mill-espert minnha nominat .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi bħala kumpens għall-appoġġ ezerċitat minnhom fuq il-ħajt diviżorju mibni mill-istess atturi, fis-somma ta' mitejn u ħamsin lira maltija sitta u ħamsin ċenteżmu u ħamsa (Lm250.56,5), u konsegwentement ,

2. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

L-ispejjeż tal-kawża, billi l-ammont oriġinarjament pretiż mill-atturi ġie ridott b'għoxrin fil-mija, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal erba' minn ħamsa (4/5) mill-konvenuti u kwint mill-atturi stess .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------